SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

18 ta’ Jannar 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Artikolu 49 TFUE – Direttiva 2006/123/KE – Artikolu 15 – Onorarji tal-arkitetti u tal-inġiniera – Tariffi obbligatorji minimi – Effett dirett – Sentenza għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu li ngħatat fil-mori tal-kawża quddiem qorti nazzjonali”

Fil-Kawża C-261/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta’ deċiżjoni tal-14 ta’ Mejju 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta’ Ġunju 2020, fil-proċedura

**Thelen Technopark Berlin GmbH**

vs

**MN,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Arabadjiev, A. Prechal, K. Jürimäe, C. Lycourgos, E. Regan, S. Rodin (Relatur), I. Ziemele u J. Passer, Presidenti ta’ Awla, M. Ilešič, F. Biltgen, P. G. Xuereb, N. Piçarra u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: M. Krausenböck, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta’ Mejju 2021,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Thelen Technopark Berlin GmbH, minn M. Schultz, Rechtsanwalt,

– għal MN, minn V. Vorwerk u H. Piorreck, sussegwentement minn V. Vorwerk, Rechtsanwälte,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn K. Bulterman, L. Noort, M. H. S. Gijzen u J. Langer, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Armati, L. Malferrari, W. Mölls u M. Kellerbauer, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta’ Lulju 2021,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 15(1), (2)(g), u (3) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn Thelen Technopark Berlin GmbH (iktar ’il quddiem “Thelen”) u MN dwar il-ħlas ta’ onorarji lil dan tal-aħħar.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessa 6 tad-Direttiva 2006/123 tipprovdi:

“[L-ostakoli għal-libertà ta’ stabbiliment tal-fornituri fl-Istati Membri u l-libertà ta’ moviment tas-servizzi bejn l-Istati Membri] ma jistgħux jitneħħew biss billi jserrħu fuq l-applikazzjoni diretta ta’ l-Artikoli [49 u 56 TFUE], peress, li minn naħa, jekk jiġu indirizzati fuq bażi individwali permezz ta’ proċeduri ta’ ksur kontra l-Istati Membri kkonċernati, speċjalment wara t-tkabbir, ikunu tassew kumplikat għall-istituzzjonijiet nazzjonali u [tal-Unjoni], u minn naħa l-oħra, it-tneħħija ta’ bosta ostakoli titlob koordinazzjoni minn qabel ta’ l-iskemi legali nazzjonali, inkluż l-ħolqien ta’ kooperazzjoni amministrattiva. Kif il-Parlament Ewropew u l-Kunsill [tal-Unjoni Ewropea] stess irrikonoxxew, strument [leġiżlattiv tal-Unjoni] jagħmilha possibbli li jintlaħaq suq ġenwin intern għas-servizzi.”

4 L-Artikolu 2(1) ta’ din id-direttiva jipprovdi:

“Din id-Direttiva għandha tapplika għal servizzi pprovduti mill-fornituri stabbiliti fi Stat Membru.”

5 L-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

“1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk, taħt is-sistema legali tagħhom, kwalunkwe mir-rekwiżiti elenkati fil-paragafu 2 huma imposti u għandhom jiżguraw li tali rekwiżiti huma kompatibbli mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. L-Istati Membri għandhom jaddattaw il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom sabiex jagħmluhom kompatibbli ma’ dawk il-kondizzjonijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk is-sistema legali tagħhom tagħmilx l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha soġġetta għal konformità ma' kwalunkwe minn dawn ir-rekwiżiti mhux-diskriminatorji:

[…]

g) tariffi fissi minimi u/jew massimi li magħhom għandu jikkonforma l-fornitur;

[…]

3. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżiti m'għandhomx ikunu diskriminatorji la direttament lanqas indirettament skond in-nazzjonalità jew, fir-rigward ta' kumpanniji, skond il-post ta' l-uffiċċju rreġistrat;

(b) bżonn: ir-rekwiżiti għandhom ikunu ġġustifikati b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

(ċ) proporzjonalità: ir-rekwiżiti għandhom ikunu adatti biex jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv mixtieq; m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv; u ma għandux ikun possibbli li dawk ir-rekwiżiti jiġu sostitwiti minn miżuri oħrajn, anqas restrittivi li jwasslu għall-istess riżultat.

[…]"

### *Id-dritt Ġermaniż*

6 It-tariffi tal-periti u tal-inġiniera huma rregolati permezz tal-Verordnung über die Honorare für Architekten- und Ingenieurleistungen (Honorarordnung für Architekten und Ingenieure – HOAI) (ir-Regolament li jistabbilixxi l-Iskala Uffiċjali tal-Onorarji tal-Periti u tal-Inġiniera – HOAI), tal-10 ta' Lulju 2013 (BGBl. 2013 I, p. 2276, iktar 'il quddiem il-"HOAI").

7 L-Artikolu 1 tal-HOAI huwa fformulat b'dan il-mod:

"Dan ir-regolament jirregola l-metodu ta' kalkolu tal-onorarji għas-servizzi bażiċi tal-periti u tal-inġiniera (mandatarji) li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fil-Ġermanja, sa fejn l-imsemmija servizzi bażiċi jaqgħu taħt dan ir-regolament u huma pprovduti fit-territorju Ġermaniż."

8 L-Artikolu 7(1), (3) u (5) ta' din il-liġi jipprevedi:

"1. L-onorarji huma rregolati abbażi tal-ftehim bil-miktub adottat mill-partijiet kontraenti meta jkun ingħata l-mandat u għandhom jaqgħu bejn l-ammonti minimi u massimi stabbiliti minn dan ir-regolament.

[…]

3. L-ammonti minimi stabbiliti f'dan ir-regolament jistgħu jiġu mnaqqsa f'każijiet eċċezzjonali permezz ta' ftehim bil-miktub.

[…]

5. Fin-nuqqas ta’ kuntratt bil-miktub ieħor konkluż hekk kif jingħata l-mandat, għandhom jitqiesu li ġew stabbiliti rati minimi skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

[…]”

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

9 Fit-2 ta’ Ġunju 2016, Thelen, kumpannija immobiljari, u MN, inġinier, ikkonkludew kuntratt ta’ studju li fil-kuntest tiegħu dan tal-aħħar impenja ruħu li jwettaq ċerti servizzi msemmija fil-HOAI, għall-finijiet tat-twettiq ta’ sit ta’ kostruzzjoni ppjanat f’Berlin (il-Ġermanja), għall-ħlas ta’ onorarji fil-forma ta’ somma f’daqqa li l-ammont tagħhom kien jammonta għal EUR 55 025.

10 Wara li xolja dan il-kuntratt permezz ta’ ittra tat-2 ta’ Ġunju 2017, MN iffattura s-servizzi mwettqa f’fattura finali ta’ onorarji stabbilita fix-xahar ta’ Lulju 2017 abbażi tal-ammonti minimi msemmija fl-Artikolu 7 tal-HOAI. Għal dan il-għan, dan, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni l-ammont tal-ħlasijiet li kienu diġà saru minn Thelen, adixxa lil-Landgericht Essen (il-Qorti Reġjonali ta’ Essen, il-Ġermanja) sabiex jitlob il-ħlas tas-somma li kienet għadha dovuta ta’ EUR 102 934.59, flimkien mal-interessi u l-ispejjeż tal-proċedura.

11 Permezz ta’ sentenza tat-28 ta’ Diċembru 2017, dik il-qorti kkundannat lil Thelen tħallas is-somma ta’ EUR 100 108.34, flimkien mal-interessi.

12 Thelen appellat minn dik is-sentenza quddiem l-Oberlandesgericht Hamm (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta’ Hamm, il-Ġermanja), li, permezz ta’ sentenza tat-23 ta’ Lulju 2019, bidlet parzjalment l-imsemmija sentenza billi kkundannat lil Thelen għall-ħlas tas-somma ta’ EUR 96 768.03, flimkien mal-interessi.

13 Thelen ippreżentat appell għal reviżjoni kontra dik is-sentenza quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju f’din il-kawża, fejn talbet li t-talba ta’ MN tiġi miċħuda kollha kemm hi.

14 Il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat fis-sentenza tal-4 ta’ Lulju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-377/17, EU:C:2019:562), u kkonfermat fid-digriet tas-6 ta’ Frar 2020, hapeg dresden (C-137/18, mhux ippubblikat, EU:C:2020:84), l-inkompatibbiltà tal-HOAI mal-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123, mingħajr, madankollu, ma ddeċidiet dwar il-kompatibbiltà tal-HOAI mal-Artikolu 49 TFUE.

15 Issa, skont dik il-qorti, l-eżitu tal-appell għal reviżjoni jiddependi mill-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123 għandux effett dirett fil-kuntest ta’ tilwima esklużivament bejn individwi, b’tali mod li l-Artikolu 7 tal-HOAI ma għandux jiġi applikat sabiex tiġi deċiża din it-tilwima.

16 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza, minn naħa, li mill-Artikolu 4(3) TUE u mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE jirriżulta li l-Istati Membri huma obbligati jilħqu r-riżultat previst minn direttiva u, min-naħa l-oħra, li dan l-obbligu jaqa’ fuq l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji, fejn dan l-obbligu jimplika b’mod partikolari li dawn l-aħħar awtoritajiet huma obbligati, sa fejn ikun possibbli, li jinterpretaw id-dritt intern tagħhom b’mod

konformi mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dik il-qorti tippreċiża li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jistax iservi bħala bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali.

17 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li interpretazzjoni konformi tal-HOAI mad-Direttiva 2006/123 ma hijiex possibbli f'dan il-każ. L-Artikolu 7 tal-HOAI ma jistax jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għal ftehim ta' onorarji li jipprevedi onorarji ta' ammont inqas mill-ammonti minimi previsti fil-HOAI. Mill-HOAI jirriżulta li tali ftehim huwa null, ħlief f'ċerti każijiet eċċezzjonali li ma jikkorrispondux għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju tqis li interpretazzjoni tal-HOAI li tgħid li huwa permess li ssir deroga mill-ammonti minimi previsti minn din il-leġiżlazzjoni tikkostitwixxi interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali.

18 Dik il-qorti tippreċiża li l-awturi tal-aħħar verżjoni tal-HOAI kienu konxji tal-eventwali inkompatibbiltà tal-iskali stabbiliti fiha mad-Direttiva 2006/123, iżda li huma qiesu, b'mod żbaljat, li jistgħu jirrimedjaw għaliha billi jillimitaw, fl-Artikolu 1 tal-HOAI, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni għal sitwazzjonijiet purament interni.

19 Il-qorti tar-rinviju tqis għalhekk li r-riżultat tal-appel għal reviżjoni essenzjalment jiddependi mill-kwistjoni jekk l-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123 għandux effett dirett fil-kuntest ta' tilwima esklużivament bejn individwi, sa fejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-HOAI jkollha, f'każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda mill-Qorti tal-Ġustizzja, tiġi injorata u l-appell għal reviżjoni ikollu jintlaqa'. Issa, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-kwistjoni msemmija tħalliet espressament miftuħa fid-digriet tas-6 ta' Frar 2020, hapeg dresden (C-137/18, mhux ippubblikat, EU:C:2020:84), b'tali mod li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa neċessarju.

20 Il-qorti tar-rinviju tindika li, għalkemm diġà ġie kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123 għandu effett dirett u japplika anki f'sitwazzjonijiet purament interni, xorta jibqgħu dubji fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123 għandux effett dirett fil-kuntest ta' tilwima esklużivament bejn individwi. F'dan ir-rigward, dik il-qorti tikkwota l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li d-dispożizzjonijiet ta' direttiva ma jistgħux jiġu invokati bejn individwi anki meta l-Istati Membri, bħal f'dan il-każ ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ikunu naqsu milli jittrasponu din id-direttiva jew ittrasponewha b'mod mhux korrett. Issa, fil-kawża prinċipali, iż-żewġ partijiet fil-kawża huma preċiżament individwi.

21 Il-qorti tar-rinviju tqis li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li direttiva ma tistax toħloq obbligi fir-rigward tal-individwi, b'tali mod li ma tistax, bħala prinċipju, tiġi invokata fil-kuntest ta' tilwima esklużivament bejn individwi sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tmur kontra din id-direttiva. Skont il-qorti tar-rinviju, ma jistax ikun hemm differenza skont jekk direttiva tistax timponi obbligi diretti fuq l-individwi jew tistax iċċaħħadhom direttament minn drittijiet suġġettivi mogħtija lilhom mid-dritt nazzjonali, bħal, f'dan il-każ, il-fatt li inġinier jew perit jiġi mċaħħad mill-ammonti minimi previsti mid-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li l-kawża prinċipali ma taqax taħt il-każijiet eċċezzjonali li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet effett dirett tad-direttivi fil-kuntest ta' tilwimiet esklużivament bejn individwi.

22 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li, anki jekk il-HOAI jirreferi biss għal sitwazzjonijiet purament interni, il-kwistjoni dwar jekk din il-leġiżlazzjoni tiksirx l-Artikolu 49 TFUE, li ma ġietx deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja, tista' tkun rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża

prinċipali. F'dan ir-rigward, dik il-qorti tfakkar li, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-atti tal-istituzzjonijiet direttament applikabbli għandhom l-effett li jrendu *ipso jure* inapplikabbli kull dispożizzjoni nazzjonali kuntrarja, anki fil-kuntest ta' tilwima esklużivament bejn individwi.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mill-Artikolu 4(3) TUE, mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u mill-Artikolu 260(1) TFUE, li l-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva [2006/123] għandu effett dirett fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja fis-seħħ bejn persuni privati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji għal din id-direttiva, li jinsabu fl-Artikolu 7 tal-[HOAI], li jagħmlu obbligatorji l-ammonti minimi ffissati [fl-iskala prevista f'dan l-Artikolu] għas-servizzi ta' pjanifikazzjoni u ta' sorveljanza ta' periti u ta' inġiniera, minbarra f'ċerti każijiet eċċezzjonali, u li jrendu null ftehim [li jipprovedi] onorarji inferjuri għall-ammonti minimi [konklużi] ma' periti jew inġiniera, ma għandhomx jiġu applikati iktar?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv:

a) Is-sistema ta' ammonti minimi obbligatorji dovuti għas-servizzi ta' pjanifikazzjoni u ta' sorveljanza tal-periti u tal-inġiniera li tinsab fl-Artikolu 7 tal-HOAI, stabbilita mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, twassal għal ksur tal-libertà ta' stabbiliment stabbilit fl-Artikolu 49 TFUE jew [ta'] prinċipji ġenerali oħra tad-dritt tal-Unjoni?

b) Jekk il-punt (a) tat-tieni domanda jingħata risposta fl-affermattiv: jirriżulta minn dan il-ksur li, fi proċedura ġudizzjarja fis-seħħ bejn persuni privati, is-sistemi nazzjonali ta' ammonti minimi obbligatorji (f'dan il-każ l-Artikolu 7 tal-HOAI) ma għandhomx jiġu applikati iktar?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

24 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, adita b'tilwima esklużivament bejn individwi, għandhiex l-obbligu li ma tapplikax leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi, bi ksur tal-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123, ammonti minimi ta' onorarji għas-servizzi tal-periti u tal-inġiniera u li tannulla l-ftehimiet li jidderogaw minn din il-leġiżlazzjoni.

25 Sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda, għandu, fl-ewwel lok, jitfakkar li l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi l-preeminenza tad-dritt tal-Unjoni fuq id-dritt tal-Istati Membri u jimponi fuq il-qrati kollha tal-Istati Membri li jagħtu effett sħiħ lid-diversi normi tal-Unjoni Ewropea, peress li d-dritt tal-Istati Membri ma jistax jippreġudika l-effett irrikonoxxut lil dawn id-diversi normi fit-territorju tal-imsemmija Stati (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punti 53 u 54, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 B'mod partikolari, dan il-prinċipju jimponi fuq il-qrati nazzjonali, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tad-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni, li jinterpretaw, sa fejn ikun possibbli, id-dritt intern tagħhom b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni u li jirrikonoxxu lill-individwi l-possibbiltà li jiksbu kumpens meta d-drittijiet tagħhom ikunu miksura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil Stat Membru (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punt 57).

27 Iktar preċiżament, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet kemm-il darba li qorti nazzjonali, meta tkun adita b'kawża esklużivament bejn individwi, hija marbuta, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern adottati sabiex jiġu trasposti l-obbligi previsti minn direttiva, li tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha tad-dritt nazzjonali u li tinterpretahom, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tat-test kif ukoll fid-dawl tal-għan finali ta' din id-direttiva sabiex twassal għal soluzzjoni konformi mal-għan tagħha (sentenza tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-4 ta' Ġunju 2015, Faber, C-497/13, EU:C:2015:357, punt 33).

28 Madankollu, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali huwa suġġett għal ċerti limiti. Għalhekk, l-obbligu għall-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt intern huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2018, Hein, C-385/17, EU:C:2018:1018, punt 51).

29 F'dan il-każ, kif ġie rrilevat fil-punt 17 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju tqis li tkun *contra legem* interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif tirriżulta mill-Artikolu 7 tal-HOAI, konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 15(1), (2)(g), u (3) tad-Direttiva 2006/123.

30 Issa, fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li, fin-nuqqas ta' interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li l-qorti nazzjonali adita biex tapplika, fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi dritt għandha tiżgura l-effett sħiħ tagħhom billi, jekk ikun hemm bżonn, ma tapplikax, *ex officio*, kull dispożizzjoni kuntrarja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, anki jekk sussegwenti, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel tagħha permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kull proċedura kostituzzjonali oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Madankollu, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-karatteristiċi essenzjali l-oħra tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, in-natura u l-effetti legali tad-direttivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punt 59).

32 B'hekk, direttiva ma tistax, minnha nnifisha, toħloq obbligi fil-konfront ta' individwu, u għalhekk ma tistax tiġi invokata bħala tali kontrih quddiem qorti nazzjonali. Fil-fatt, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, in-natura vinkolanti ta' direttiva, li fuqha hija bbażata l-possibbiltà li din tiġi invokata, teżisti biss fil-konfront ta' "kull Stat Membru destinatarju" peress li l-Unjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi, b'mod ġenerali u astratt, b'effett immedjat obbligi għal individwi fil-każijiet biss fejn għandha s-setgħa tadotta regolamenti. Għaldaqstant, anki jekk tkun ċara, preċiża u inkundizzjonata, dispożizzjoni ta' direttiva ma tippermettix lill-qorti nazzjonali li

twarrab dispożizzjoni tad-dritt intern tagħha li tmur kontriha, jekk, b'dan il-mod, ikun hemm obbligu addizzjonali li jiġi impost fuq individwu (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punti 65 sa 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Minn dan isegwi li qorti nazzjonali ma hijiex obbligata, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni, li ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tmur kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jekk din l-aħħar dispożizzjoni ma jkollhiex effett dirett (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punt 68), mingħajr preġudizzju madankollu għall-possibbiltà, għal dik il-qorti, kif ukoll għal kull awtorità amministrattiva nazzjonali kompetenti, li teskludi, abbażi tad-dritt intern, kull dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tmur kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun nieqsa minn tali effett.

34 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ċertament diġà ddeċidiet li l-paragrafu 1 tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123 jista' joħloq effett dirett sa fejn, fit-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu, dan l-artikolu jimponi fuq l-Istati Membri obbligu inkundizzjonat u suffiċjentement preċiż li jadattaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi tagħhom sabiex jagħmluhom kompatibbli mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2018, X u Visser, C-360/15 u C-31/16, EU:C:2018:44, punt 130).

35 Madankollu, din id-dispożizzjoni hija invokata f'dan il-każ, bħala tali, f'tilwima bejn individwi, sabiex tiġi evitata leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontriha.

36 Issa, jekk l-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123 jiġi applikat fil-kuntest tal-kawża prinċipali, MN ikun imċaħħad, skont din id-dispożizzjoni, mid-dritt tiegħu, ibbażat fuq l-Artikolu 7 tal-HOAI, li jitlob l-ammonti msemmija fih u, għaldaqstant, ikun obbligat jaċċetta l-ammont iffissat fil-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 32 u 33 ta' din is-sentenza teskludi madankollu li tali effett jista' jiġi rrikonoxxut lil din id-dispożizzjoni, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni.

37 Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju ma hijiex obbligata, abbażi biss ta' dan id-dritt, li ma tapplikax l-Artikolu 7 tal-HOAI, anki jekk dan tal-aħħar imur kontra l-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123.

38 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jitpoġġew indiskussjoni mis-sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-377/17, EU:C:2019:562), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, biż-żamma tat-tariffi obbligatorji għas-servizzi ta' ppjanar tal-periti u tal-inġiniera stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-HOAI, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 15(1), (2)(g), u (3) tad-Direttiva 2006/123.

39 Ċertament, skont l-Artikolu 260(1) TFUE, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li Stat Membru jkun naqas milli jwettaq wieħed mill-obbligi tiegħu taħt it-Trattati, dan l-Istat Membru huwa obbligat li jieħu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali kompetenti huma marbuta li jadottaw il-miżuri kollha sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk, jekk ikun il-każ, li ma japplikawx dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 1972, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 48/71, EU:C:1972:65, punt 7, u tas-16 ta' Diċembru 2010, Seydaland Vereinigte Agrarbetriebe, C-239/09, EU:C:2010:778, punti 52 u 53 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li s-sentenzi mogħtija abbażi tal-Artikoli 258 sa 260 TFUE għandhom qabel kollox bħala għan li jiddefinixxu d-dmirijiet tal-Istati Membri fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tagħhom u mhux li jagħtu drittijiet lill-individwi, fis-sens li dawn id-drittijiet jirriżultaw mhux mill-imsemmija sentenzi, iżda mid-dispożizzjonijiet stess tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1982, Waterkeyn *et*, 314/81 sa 316/81 u 83/82, EU:C:1982:430, punti 15 u 16). Minn dan isegwi li l-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali kompetenti ma humiex obbligati, abbażi biss ta' tali sentenzi, li fil-kuntest ta' kawża bejn individwi ma japplikawx leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra dispożizzjoni ta' direttiva.

41 Madankollu, fit-tielet lok, għandu jitfakkar li l-parti ppreġudikata min-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni tista' tuża l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428), sabiex tikseb, skont il-każ, ħlas għad-dannu li tkun sofriet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu huwa inerenti għas-sistema tat-trattati li fuqhom din tal-aħħar hija bbażata (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 B'hekk, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura li l-individwi jiksbu kumpens għad-dannu li n-nuqqas ta' osservanza tad-dritt tal-Unjoni jikkawżalhom, tkun xi tkun l-awtorità pubblika awtriċi ta' dan in-nuqqas u tkun xi tkun dik li għandha, bħala prinċipju, skont id-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, l-obbligu li tipprovdi dan il-kumpens (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba ddeċidiet, fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu, li l-individwi li sofrew danni għandhom dritt għal kumpens ladarba jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet, li huma li r-regola tad-dritt tal-Unjoni miksura jkollha l-għan li tagħtihom drittijiet, li l-ksur ta' din ir-regola jkun suffiċjentement serju u li jkun hemm rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-danni mġarrba minn dawn l-individwi (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-implimentazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet li jippermettu li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istati Membri għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għandha, bħala prinċipju, titwettaq mill-qrati nazzjonali, skont il-linji gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex titwettaq tali implimentazzjoni (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, billi żammet fis-seħħ tariffi obbligatorji għas-servizzi ta' ppjanar ipprovduti minn periti u minn inġiniera previsti fl-Artikolu 7 tal-HOAI, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-377/17, EU:C:2019:562), u li din id-dispożizzjoni tipprekludi tali leġiżlazzjoni nazzjonali, sa fejn tipprojbixxi li jiġu miftiehma, f'kuntratti konklużi ma' periti jew ma' inġiniera, tariffi inferjuri għall-ammonti minimi ddeterminati skont l-imsemmija tariffi (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-6 ta' Frar 2020, hapeg dresden, C-137/18, mhux ippubblikat, EU:C:2020:84, punt 21).

47 Issa, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ksur tad-dritt tal-Unjoni ikun manifestament serju meta jibqa' jeżisti minkejja li tkun ingħatat sentenza li tikkonstata n-nuqqas ikkritikat, sentenza preliminari jew ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam, li minnhom jirriżulta li l-aġir inkwistjoni jikkostitwixxi ksur (sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 57, kif ukoll tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 31).

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, adita b'tilwima esklużivament bejn individwi, ma hijiex obbligata, abbażi biss tal-imsemmi dritt, li ma tapplikax leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi, bi ksur tal-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123, ammonti minimi ta' onorarji għas-servizzi tal-periti u tal-inġiniera u li tannulla l-ftehimiet li jidderogaw minn din il-leġiżlazzjoni, u dan, madankollu, mingħajr preġudizzju, minn naħa, għall-possibbiltà għal dik il-qorti li ma tapplikax il-leġiżlazzjoni msemmija abbażi tad-dritt intern fil-kuntest ta' tali tilwima, u, min-naħa l-oħra, għad-dritt tal-persuna li sofriet dannu minħabba n-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni li titlob kumpens għad-dannu li rriżulta min-nuqqas għaliha.

*Fuq it-tieni domanda*

49 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi l-ammonti minimi għas-servizzi tal-periti u tal-inġiniera u li tannulla ftehimiet li jidderogaw minn din il-leġiżlazzjoni.

50 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-moviment liberu tal-kapital ma japplikawx, bħala prinċipju, għal sitwazzjoni li fiha l-elementi kollha tagħha huma limitati ġewwa Stat Membru wieħed biss (sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten, C-268/15, EU:C:2016:874, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Issa, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-kawża prinċipali hija kkaratterizzata minn elementi li huma limitati kollha ġewwa r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Fil-fatt, xejn fil-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jindika li parti fil-kawża prinċipali hija stabbilita barra mit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jew li s-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali twettqu barra minn dan it-territorju.

52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja, adita minn qorti nazzjonali fil-kuntest ta' sitwazzjoni li fiha l-elementi kollha huma limitati ġewwa Stat Membru wieħed, ma tistax, mingħajr indikazzjoni minn dik il-qorti f'dan is-sens, tqis li t-talba għal interpretazzjoni preliminari li tirrigwarda d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertajiet fundamentali hija neċessarja għas-soluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem il-qorti msemmija. Fil-fatt, l-elementi konkreti li jippermettu li tiġi stabbilita rabta bejn is-suġġett jew iċ-ċirkustanzi ta' tilwima, li l-elementi kollha tagħha huma limitati ġewwa l-Istat Membru kkonċernat, u l-Artikoli 49, 56 jew 63 TFUE għandhom jirriżultaw mid-deċiżjoni tar-rinviju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten, C-268/15, EU:C:2016:874, punt 54).

53 Konsegwentement, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tindika lill-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mar-rekwiżit tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif, minkejja n-natura purament interna tagħha, it-tilwima

pendenti quddiemha għandha element ta' konnessjoni mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-libertajiet fundamentali li jrendi l-interpretazzjoni preliminari mitluba neċessarja għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten, C-268/15, EU:C:2016:874, punt 55).

54 Issa, peress li ma hemm ebda indikazzjoni f'dan is-sens fid-deċiżjoni tar-rinviju, din id-domanda ma tistax titqies li hija ammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2018, Fremoluc, C-343/17, EU:C:2018:754, punt 33; tal-14 ta' Novembru 2018, Memoria u Dall'Antonia, C-342/17, EU:C:2018:906, punt 21; kif ukoll tal-24 ta' Ottubru 2019, Belgische Staat, C-469/18 u C-470/18, EU:C:2019:895, punt 26).

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni domanda hija inammissibbli.

**Fuq l-ispejjeż**

56 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, adita b'tilwima esklużivament bejn individwi, ma hijiex obbligata, abbażi biss tal-imsemmi dritt, li ma tapplikax leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi, bi ksur tal-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, ammonti minimi ta' onorarji għas-servizzi tal-periti u tal-inġiniera u li tannulla l-ftehimiet li jidderogaw minn din il-leġiżlazzjoni, u dan mingħajr preġudizzju, minn naħa, għall-possibbiltà għal dik il-qorti li ma tapplikax il-leġiżlazzjoni msemmija abbażi tad-dritt intern fil-kuntest ta' tali tilwima, u, min-naħa l-oħra, għad-dritt tal-persuna li sofriet dannu minħabba n-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni li titlob kumpens għad-dannu li rriżulta min-nuqqas għaliha.**

Firem